REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 896/2009

tal-25 ta' Settembru 2009

dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' *Saccharomyces cerevisiae* MUCL 39885 bħala addittiv fl-għalf għall-ħniezer nisa (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Prosol S.p.A.)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, intbagħtet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni stipulata fl-Anness ma' dan ir-Regolament. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni tal-mikro organiżmi *Saccharomyces cerevisiae* MUCL 39885 bħala addittiv fl-għalf għall-ħnieżer nisa, li trid tiġi kklassifikata fil-kategorija ta' addittivi "addittivi żootekniċi".

(4) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu *Saccharomyces cerevisiae* MUCL 39885 ġie awtorizzat mingħajr skadenza għall-friegħ tal-ħnieżer miftuma bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2005 ([2]), għall-ifrat għassimna bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 492/2006 ([3]) u għall-baqar tal-ħalib bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1520/2007 ([4]).

(5) Tressqet dejta ġdida bħala sostenn tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-ħnieżer nisa. L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel ('l-Awtorità') tikkonkludi fl-opinjoni tagħha tat-3 ta' Frar 2009 ([5]) li *Saccharomyces cerevisiae* MUCL 39885 tista' titqies bħala bla periklu għall-ispeċi fil-mira, għall-konsumaturi u għall-ambjent aktar wiesa'. Skont din l-opinjoni, il-preparazzjoni tista' ġġib effett ta' benefiċċju sinifikanti fuq il-piż tal-btan u l-ħnieżer żgħar individwali. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi ta' sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf imressaq mil-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) L-evalwazzjoni ta' dik il-preparazzjoni turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi 'addittivi żootekniċi' u mill-grupp funzjonali "stabilizzanti għall-batterja li tinsab fil-musrana", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) ĠU L 195, 27.7.2005, p. 6.
([3]) ĠU L 89, 28.3.2006, p. 6.
([4]) ĠU L 335, 20.12.2007, p. 17.
([5]) Il-Ġurnal EFSA (2009) 970, 1-9.

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' għalf shih b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: stabilizzanti għall-batterja li tinsab fil-musrana.									
4b1710	Prosol S.p.A.	*Saccharomyces cerevisiae* MUCL 39885	Kompożizzjoni tal-addittiv: Preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* MUCL 39885 li fiha minimu ta': addittiv CFU/g 1×10^9 taħt forma ta' trab u mrammel. Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: *Saccharomyces cerevisiae* MUCL 39885. Metodu analitiku ([1]): Enumerazzjoni: metodu pour plate bl-użu tal-chloramphenicol glucose yeast extract agar. Identifikazzjoni Metodu tar-reazzjoni katina tal-Polymerase (PCR)	Ħniežer nisa	—	$6{,}4 \times 10^9$	—	Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita minn qabel, indika t-temperatura li fiha ssir il-ħażna, it-tul ta' żmien fil-ħażna u l-istabilità għall-pelleting.	19 ta' Ottubru 2019

([1]) Dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza Komunitarj li ġej: www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives